

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Il-liġi Applikabbli Għad-divorzju U Għas-separazzjoni Legali](#) > [Estonia](#)

## Il-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali

Estonja



Estonja

L-Artikolu 7 minn (2) sa (4) – Ir-rekwiżiti formali applikabbli għall-ftehimiet dwar l-għażla tal-liġi applikabbli

Skont l-Artikolu 64<sup>1</sup>(2) u (3) tal-[Att dwar il-Liġi tal-Familja](#), il-miżżewġin jistgħu jagħmlu ftehim dwar il-liġi applikabbli għad-divorzju li jikkorrispondi mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1259/2010 personalment f'forma awtentikata minn nutar, jew minflok il-forma awtentikata minn nutar jista' jiġi rreġistrat id-dħul fi proċedimenti ġudizzjarji ta' dan it-tip.

L-Artikolu 5 (3) – Il-possibbiltà tal-għażla tal-liġi applikabbli matul il-proċedimenti

Skont l-Artikolu 64<sup>1</sup>(4) tal-[Att dwar il-Liġi tal-Familja](#), il-miżżewġin jistgħu jagħmlu u jemendaw il-ftehimiet speċifikati f'kull ħin sakemm tintlaqa' talba għal divorzju minn nutar jew f'każ ta' proċedimenti ġudizzjarji sal-konklużjoni tal-proċedimenti preliminari jew sal-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni għar-rikorsi fi proċedura bil-miktub.

L-aħħar aġġornament: 29/03/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.